MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Numru. 932/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Jason Gatt**

**Illum, 03 ta' Dicembru, 2003**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jason Gatt** ta' 24 sena, bin Emanuel u Anna *nee'* Coleiro, mwieled Pieta', fid-29 t'Awissu, 1979, residenti fil-fond nru.144, 'Liliana', Triq il-Foss, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita numru 428879M;

Talli nhar it-12 ta' Novembru, 2003, u fil-granet ta' qabel b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti

gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(a) u aktar talli nhar it-12 ta’ Novembru, 2003, mill-hanut ‘Sound Machine’, ta’ Pjazza Anton De Paule, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta’ mobile phone bil-kamera built-in tal-ghamla ‘Samsung’ mudell SGH-E700, numru tas-Serje 352280/00/219328/4; S/N: R1XWA 91387T li jiswa Lm250, ghad-dannu ta’ Mark Pierre Galea minn Rahal Gdid, liema serq hu kkwalifikat bil-valur uu bil-hin u dan bi ksur ta’ l-art. 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) u aktar talli fix-xahar t’Awissu, 2003, filwaqt li kont rikeb fil-vettura ta’ l-ghamla Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni CAT-734, ikkommettjet is-serq ta’ mobile phone ta’ l-ghamla Nokia mudell 3310, liema valur tieghu ma jaccediex il-valur ta’ Lm50, ghad-dannu ta’ Oliver Zerafa minn Rahal Gdid u dan bi ksur ta’ l-art. 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti hi mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skoond l-Aryt. 370(4) tal-Kodici Kriminali u n-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat biex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-art. 18, 261, 267, 270, 279 u 280 tal-Kap 9.

Tqieghed lill-imputat tahht il-harsien tal-probation officer Carmen Borg ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum ai termini ta’ l-art 7 (1) tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------